QALA

Ref Nru: 25

Il-minuti tal-hamsa u ghoxrin laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Hamis 19 ta' Gunju 2014, fis-6:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-erbgha u ghoxrin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tal-erbgha u ghoxrin laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3. EAFRD mizura 313.**

3.1 Is-Sindku semma li saret is-sistema tal-*irrigation* fil-gnien ta' fuq il-grawnd tal-futbal sabiex ikunu jistghu jinqsew is-sigar li gew mhawwla. Huwa semma li l-gibja li hemm taht il-*clubhouse* qedha tigi mimlija bil-*bowser* tal-ilma. Huwa semma wkoll li l-muzew folkloristiku huwa lest. Ix-xoghol fi Pjazza San Guzepp qed isir fejn qed issir il-porfido kif ukoll qed jigu mghoddija xi pajpijiet tad-dawl ghal lest. Huwa ssuggerixxa li kieku sew li jigu mghoddija xi pajpijet tad-dawl tan-naha l-ohra tal-Pjazza. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li peress li parti mill-provvista tal-*profido* u t-tqeghid tieghu ser

jithallas mill-fondi tal-Kunsill, li huma dejjem limitati, sabiex joqghod attent illi ma jonfoqx aktar mill-suppost. Ghalhekk il-Kunsill iddecida li ghandha tintalab stima u imbaghad jara ghandux isir dan ix-xoghol jew le.

**4 Inawgurazzjoni tal-Progett ta' Pjazza San Guzepp.**

4.1 Is-Sindku semma li l-progett ta' Pjazza San Guzepp ser jigi inawgurat fil-gimgha tal-festa ta' San Guzepp u li ser jigi inawgurat minnu stess. Huwa semma li ser jigu mistiednin nies li taw l-ghajnuna taghhom sabiex seta` jsir dan il-progett.

**5 EAFRD mizura 323.**

5.1 Giet trattata ittra li l-Kunsill ircieva minghand Robert Naudi mill-MSDEC dwar *invoice* ta' Pinu Attard il-kuntrattur li qed jaghmel ix-xoghol tal-bini ta' hitan tas-sajjieh fil-gnien ta' rikreazzjoni. Huwa semma li b'din l-*invoice* l-ammont li ser jithallas lill-Kuntrattur ser icedi l-ammont li huwa *contracted* b' €2,229.64 jew 4.2% tal-*contracted amount* u ghalhekk qeghdin jitolbu *variation* bil-miktub mill-Kunsill ghal dawn ix-xogholijiet *extra*. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan u li ghandha jsir din il-*variation*.

**6 L-attivita` *Hondoq by Night* – it-tielet edizzjoni.**

6.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni ta' l-attivita *Hondoq by Night* li ser isir nhar il-11 ta' Lulju 2014. Huwa semma li din l-attivita` ser tigi organizzatha mill-Ghaqda Briju San Guzepp u li ser tkun mistiedna l-kantanta Ira Losco bil-*band* taghha. Mhux ser ikun hemm hlas ghad-dhul imma ser tintalab donazzjoni.

**7 Festa ta' San Guzepp 2014.**

7.1 Is-Sindku semma li l-*mobile kiosks* li jarmaw fil-festa ta' San Guzepp ser jarmaw fl-istess post tas-sena l-ohra jigifieri fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg.

**8 Materji ohra.**

8.1 Is-Sindku semma li nharget sejha ghall-offerti ghal provvista ta' *readymix concrete* u xibka tal-hadid, provvista ta' ramel u zrar u kiri ta' l-ingeni, peress li l-kuntratti ezistenti ser jiskadew dalwaqt.

8.2 Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li jkun xieraq li l-Kunsillieri jkunu nformati bl-attivitajiet li jigu organizzati mill-Kunsill. Is-Sindku semma li dan dejjem isir u li mill-lum 'l quddiem huwa stess ser jibghat jinforma lill-Kunsillieri permezz ta' SMS.

QALA

8.3 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-hlasijiet bir-referenzi SP 7/2014 u SP 8/2014. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

8.4 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mill-4 t' Marzu 2014 sat-19 ta' Gunju 2014 minn referenza numru 34/14 sa referenza numru 75/14 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 16/14 sa referenza numru 40/14 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

**9 Korrispondenza.**

9.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

9.2 Ittra mibghuta minn Tanya Mercieca *Asst. Auditor General* minn *National Audit Office* fejn anness ma din l-ittra ntbghat kopja ta' l-*audit report* u l-*financial statements* kif ukoll il-*management letter* ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-31 ta' Dicembru 2013.

9.3 Zewg ittri datati l-25 u t-30 ta' April 2014 mibghuta minn Gail Gafa minn Ozone Ltd dwar proposta tas-servizz tat-telefon. Il-Kunsill iddecida li din il-proposta ghandha tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

9.4 Ittra mibghuta minn Jess Morgan minn Gozo Rodeo Rides dwar l-*entertainment* li jistghu joffru waqt attivitajiet tal-Kunsill.

9.5 Ittra mibghuta minn Joe Louis Xiberras dwar *Gioci senza frontieri* fil-lokalita`.

9.6 Zewg ittri unanimi dwar il-*barman* li hemm fil-*bar* fil-*clubhouse* fi 'Gnien il-Familja'. Il-Kunsill iddecida li ma jaghtix kaz peress li m'ghandux x'jaqsam mal-irregolaritajiet ta' dan il-*barman* u peress li dawn l-ittri huma unanimi.

9.7 Notifiki t'avviz mibghuta minn Joseph Bezzina *(Enforcement)* ghad-Direttur ta' l-Infurzar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenzi ECF 00083/14 u ECF 00097/14, fejn b'dawn l-istess notifiki nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avvizi ta' Infurzar u kopji ta' dawn qed jigu annessi ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Hamis 14 t' Awwissu 2014.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |